MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 21/2003/1

**Carmen Cacciattolo armla ta' Charles Cacciattolo**

**vs**

**Mario Tonna, Lino Tonna u Anthony Tonna**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Novembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Jannar tas-sena 2003, li permezz tieghu l-attrici fuq indikata sejhet lill-konvenuti hutha wkoll fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex wara li din il-qorti tillikwida s-somma li hija dovuta lill-attrici bhala kumpens ghal servigi minnha rezi lil

ohtha u oht il-konvenuti, Silvia Tonna, li kienet marida u li mietet fil-11 ta' Jannar tas-sena 2000, m'ghandhomx kull wiehed mill-konvenuti, bhala eredi, (flimkien mal-attrici), tal-istess ohthom Silvia Tonna:

1. Illi jhallsu lill-attrici kwart tas-somma hekk likwidata, liema likwidazzjoni okkorrendo ssir permezz ta' perit li jigi nominat minn din il-qorti, - b'riserva ta' drittijiet ohra;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Lulju tas-sena 2000, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza, kontra l-konvenuti li huma mharrkin ghas-subizzjoni;

3. Illi ghall-finijiet tal-kompetenza jigi dikjarat li l-kumpens pretiz u dovut f'din il-kawza ma jeccedix is-somma ta' hamest elef Lira Maltin (LM5,000.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Frar tas-sena 2003, li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi m'hi dovuta l-ebda somma lill-attrici minhabba li qatt ma kien intiz bejn l-ahwa li l-kura li l-partijiet kollha taw lil ohthom jkun b'xi mod risarcit. Anzi kien car li dan qed isir bi spiritu gratuitu, "pietatis causa";

2. Illi f'kull kaz kif intqal, l-eccipjenti kollha taw ghajnuna lil ohthom matul id-disa' (9) xhur li sfat marida, min mod u min b'iehor, u ghalhekk in kwantu li l-kontendenti huma kollha werrieta tal-mejta Silvia Tonna, il-pretensjonijiet ta' xulxin jikkompensaw ruhhom reciprokament;

3. Din il-kawza hija risultat ta' dissidju li nqala' bejn il-partijiet minhabba li l-eccipjenti esprimew dispjacir mal-attrici dwar deheb u hwejjeg ohra appartenenti lill-mejta Silvia Tonna li jew spiccaw

ghand l-attrici jew ghebu ghal kollox. F'dal-kaz ghalhekk ukoll l-attrici giet sufficjentement risarcita ghall-pretensjonijiet bla bazi taghha;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat it-talba tar-rapprezentant legali ta' l-attrici datata t-18 ta' Gunju tas-sena 2003, biex jinhatar perit tekniku bil-ghan li jistabilixxi u jikkwantifika ammont ta' servigi;

Rat ir-risposta ta' l-istess data tar-rapprezentant legali tal-konvenuti li permezz taghha informat lill-qorti li kienet qed tirrimetti ruhha;

Rat id-digriet taghha, wkoll ta' l-istess data tat-18 ta' Gunju tas-sena 2003, li permezz taghha hatret il-perit tekniku hemm indikat;

Rat ir-rikors tal-perit tekniku involut, ipprezentat in atti fit-13 t'Awissu tas-sena 2003, li permezz tieghu nforma lill-qorti li stante li kien ufficcjalment irtirat ma kienx possibbli ghalih li jaccetta l-inkarigu lilu moghti;

Rat id-digriet taghha datat l-14 t'Ottubru tas-sena 2003, li wara qbil bejn il-partijiet il-perit tekniku in dizamina gie sostitwit bil-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante;

Rat in-nota ta' l-imsemmija perit tekniku datata s-6 t'April tas-sena 2004, li permezz taghha pprezentat ir-relazzjoni taghha;

Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Dicembru, tas-sena 2004, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-konvenuti biex jipprezentaw kontro-talba ghat-talbiet attrici u konsegwentement biex l-istess attrici tirrispondi ghall-istess;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti datata d-29 ta' Dicembru tas-sena 2004, fejn wara li esponew is-segwenti:

1. Illi in adempjament tad-digriet ta' dina l-qorti ta' nhar it-Tlieta erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena 2004, il-konvenuti u n-nisa konjugi rispettivi taghhom, qeghdin jissottomettu l-kontro-talbiet segwenti:

2. Illi fit-tletta (13) ta' Jannar tas-sena 2003, l-attrici Carmen Cacciattolo ghamlet zewg talbiet lil dina l-Onorabbli Qorti kif kontenuti fl-avviz promotur;

3. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena 2004, Dr. Emmy Bezzina assuma l-patrocinju tal-konvenuti f'din il-kawza u fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena 2004, il-konvenuti pprezentaw rikors fejn – inter alia – talbu li jigu awtorizzati minn dina l-qorti halli jipprezentaw il-kontro-talbiet taghhom, liema rikors fid-dawl ta' risposta pprezentata fl-Awla seduta stante nhar it-Tlieta, erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena 2004, dina l-qorti laqghet it-talba tal-konvenuti ahwa Tonna;

4. Illi in adempjament tad-digriet tal-qorti l-konvenuti ahwa Tonna u ghal kwalsiasi nteress li jista' jkollhom ir-rispettivi konsorti taghhom, qeghdin jaghmlu l-kontro-talbiet segwenti:

i. Tghid l-attrici Carmen Cacciattolo ghala din il-qorti m'ghandhiex taqta' u tiddieciedi illi:

a. Jigu likwidati dik is-somma jew dawk is-somom dovuti ugwalment jew fi proporzjon kif tiddeciedi din il-qorti lit-tlett ahwa konvenuti u cioe' Mario Tonna (I.D numru 428043 M), Lino sive Carmelino sive Paul Tonna (I.D. numru 460840 M) u Anthony sive Tony Tonna (I.D. numru 405149 M), u dana wara li tigi likwidata somma li din il-

qorti thoss li ghandha tinghata bhala kumpens ugwalment jew proporzjonalment bejn l-ahwa konvenuti Tonna ghal servigi minnhom rezi lil ohthom Sylvia Tonna li kienet marida u li mietet fil-hdax (11) ta’ Jannar tas-sena 2000, u dana skond il-ligi u fid-dawl tal-provi li rrizultaw u qeghdin jirrizultaw fil-mori ta’ din l-kawza;

b. In-nisa rispettivi tal-konvenuti ahwa Tonna u cioe’ Lucienne mart Mario Tonna, Mary mart Lino sive Carmelino sive Paul Tonna u Pauline mart Anthony sive Tony Tonna m’ghandhomx jigu kkumpensati proporzjonalment jew ugwalment bejniethom b’xi forma ta’ kumpens jew kumpens ghal servigi minnhom rezi lil Sylvia Tonna oht il-kontendenti ahwa Tonna odjerni li kienet marida u li mietet fil-hdax (11) ta’ Jannar, tas-sena 2000;

c. Illi l-attrici Carmen Cacciattolo bhala ko-eredi (flimkien mal-ahwa konvenuti Tonna odjerni u ghal kwalsiasi nteress li legalment jew fattwalment jista’ jkollhom in-nisa rispettivi tal-konvenuti ahwa Tonna) tal-istess oht il-kontendenti Sylvia Tonna ghandha thallas dik il-proporzjon ta’ somma hekk likwidata skond il-ligi, liema likwidazzjoni jekk ikun il-kaz issir permezz ta’ Perit Tekniku li jigi nominat minn dina l-Onorabbli Qorti, u dana biex ikollu dawk il-fakoltajiet skond il-ligi li jezamina jew tezamina l-provi gia` migbura, provi ohra li ghad fadal jekk ikun il-kaz, inkluz kontro-ezamijiet li ghad iridu jsiru, u dokumenti li gew jew ghad jistghu jigu esebiti, qabel ma’ l-istess perit nominat mill-qorti jkun jista’ jghaddi jew tghaddi ghar-relazzjoni mertu ta’ dawn il-kontro-talbiet da parti tal-konvenuti;

d. Illi jinghataw a favur il-konvenuti ahwa Tonna jew jekk ikun il-kaz ghal kwalsiasi nteress li jista’ jkollhom legalment jew fattwalment il-konsorti rispettivi taghhom fuq indikati, jinghataw a favur taghhom kwalsiasi dritt jew pretenzjoni gusta li legalment u fattwalment jista’ jkollhom biex

tikkumpensahom ghal hidmiet kollha u skariggi li wettqu tul il-perjodu li damet marida serjament oht il-konvenuti Sylvia Tonna sakemm mietet fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2000 u anke l-ispejjez, il-hidmiet u l-iskarigg li saru wara illi din mietet fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2000, inkluz l-ispejjez konnessi mal-funeral u spejjez incidentali u ancillari ohra;

e. Illi jinghataw kwalsiasi provediment jew provedimenti opportuni li dina l-qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi u a bazi tal-kontro-talbiet tal-konvenuti kif hawn fuq suesposti;

f. Bl-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji maghmula mill-konvenuti ahwa Tonna kontra l-attrici ohthom armla Carmen Cacciattolo, inkluz l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dawn il-kontro-talbiet skond il-ligi kontra l-attrici li minn issa hija ngunta wkoll ghal din il-kontro-talba in subizzjoni;

g. Illi ghal finijiet ta' kompetenza ta' dina l-qorti qieghed jigi dikajrat minn kull wiehed mill-konvenuti ahwa Tonna odjerni u minn kull wahda minn nisa konsorti rispettivi taghhom li l-kumpens pretiz minnhom u dovut f'din il-kawza ghal kull wiehed u wahda minnhom ma jeccedix is-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), u dana biex a bazi ta' din id-dikjarazzjoni kollox ikun konformi mal-ligi fir-rigward tal-gurisdizzjoni ta' dina l-qorti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuti datata t-18 ta' Jannar tas-sena 2005 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ulterjuri l-attrici tirrileva li l-konvenuti,

fl-ewwel paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet taghhom ghat-talba attrici, iddikjaraw li "qatt ma kien intiz bejn l-ahwa li l-kura li l-partijiet kollha taw lil ohthom ikun b'xi mod risarcit. Anzi kien car li dan qed isir bi spirtu gratuitu `pietatis causa`". Ghalhekk huma stess iddikjaraw fl-atti tal-kawza li ma setghux javanzaw talba ghall-hlas ghal servigi talvolta pretizi minnhom billi ma kellhomx dritt ghalihom u ghaldaqstant ghal din ir-raguni l-kontro-talba tal-konvenuti ghandha tigi respinta;

2. Illi subordinatament fil-fatt il-konvenuti u n-nisa taghhom qatt ma rrendew servigi lil ohthom u kienet l-attrici li ddedikat ruhha kompletament ghal zmien twil ghall-bzonnijiet ta' ohthom. Ghalhekk il-kontro-talba ghandha tigi michuda;

3. Fi kwalunkwe kaz, jekk din il-qorti jidhrilha li ghandha taccetta t-talba tal-konvenuti li jigi nominat perit legali jigi sottomess li jkun spedjenti li tigi nominata l-istess perit legali li diga` ghandha konjizzjoni tal-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda kopjuza prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavitijiet ezawrenti prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi issa din il-qorti fl-ahhar giet impoggija f'posizzjoni li tista' tiddetermina l-vertenza in dizamina;

Illi pero' qabel ma tghaddi ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna ma tistax ma tirrimarkax

b'rammariku kbir li din hi kwistjoni li tinvolvi erbat ahwa pjuttost t'eta` avvanzata li tul hajjithom jidhru li ghexu hajja armonjuza bejniethom u kien biss fil-procedura odjerna li urew l-infantilizmu egoistiku latenti li forsi jezisti f'kull wiehed u wahda minnha;

Illi hi tassew ta' hasra kbira li l-partijiet naqsu li jakkolju d-diversi rikjami tal-qorti biex ikunu huma stess li jfittxu u jikkonkludu xi forma ta' transazzjoni bejniethom stante li b'hekk biss kienet tkun assigurata l-vera gustizzja li la din, u l-ebda qorti ohra ma tista' tassikura;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament jigi kjarifikat li ghalkemm fil-kontrotalba tal-konvenuti gew indikati l-konjugi rispettivi taghhom, stante li dawn ma gewx indikati fl-okkju promotur, m'humiex qed jigu meqjusa li huma parti mill-kawza odjerna u hekk qed jigi dekretat;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl ta' dan ir-rammariku din il-qorti issa m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi sal-konkluzjoni logika ta' din il-procedura u issa qieghda f'posizzjoni li sintetikament tespondi l-posizzjoni ta' l-attrici bil-mod segwenti:

1. Illi fil-meritu t-talbiet attrici jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

i. Illi stante li ghamlet diversi snin tassissti u tghin lil ohtha Silvia Tonna li tigi wkoll oht il-konvenuti l-ohra, allura ghandha dritt ghas-servigi minghand hutha l-konvenuti;

ii. Illi dan il-kumpens pretiz m'ghandux jaqbez il-limiti gurisdizzjonali tal-forum prezenti;

2. Illi inoltre, bhala eccezzjoni ghall-kontro-talbiet tal-konvenuti sostniet:

i. Illi stante li l-istess konvenuti jsostnu li l-intervent taghhom kien sar “pietatis causa”, allura “ex admissis” l-ebda gratifikazzjoni monetarja m’hi dovuta lilhom;

ii. Illi stante li l-konjugi tal-konvenuti qatt ma ntervenew biex b’xi mod jassisstu lill-imsemmija Silvia Tonna, allura l-ebda rikompensa m’hi dovuta lilhom;

Ikkunsidrat:

illi fil-meritu l-attrici in sintesi ssostni s-segwenti:

1. Illi skond l-avviz promotur, il-persuna li fuqha ddur il-vertenza odjerna hi Silvia Tonna li tigi oht l-attrici u oht il-konvenuti;

2. Illi din il-protagonista tidher li kienet ilha marida b’mod serju li jattira l-ghajnuna minn mindu kellha tnax(12)-il sena; ghaddiet minn zewg operazzjonijiet, diversi mard serju iehor u finalment kellha wkoll tghaddi mill-amputazzjoni taz-zewg saqajn;

3. Illi l-attrici ssostni li bdiet tiehu hsieb ohtha mill-1998 – pero` ovvjament huma l-ahhar hames snin minn mewtha li qed jittiehdu in konsiderazzjoni;

4. Illi l-attrici ssostni li kienet tqatta` hafna hin ma` ohtha wara li taghlaq il-hanut taghha; tixtrilha l-bzonnijiet; issajrilha; tiehu hsieb id-dar; thallas il-kontijiet; u sahansitra anke timmedikaha;

5. Illi meta fl-ahhar fazi ta’ hajjitha Silvia Tonna kienet rikoverata l-isptar, l-attrici ssostni li kienet taghmel iljieli shah maghha;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-konvenuti Tonna, hut l-attrici, tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi r-rammariku kbir tal-konvenuti hu li jsostnu li l-attrici gia` approfittat ruhha mis-sitwazzjoni billi hadet pussess ta' diversi oggetti u ghalhekk "….zgur ma jisthoqqilha l-ebda servigi", (ara fol 66, 84 u 90);

2. Illi di piu` huma wkoll isostnu, bl-eccezzjoni tal-konvenut Lino Tonna, li huma wkoll kienu jaghtu sehemhom fil-kura u protezzjoni ta' ohthom Silvia billi jmorru ghandha spiss, jaraw jonqoshiex xi haga u jekk fl-affermattiv jaghtuha dak li jkun hemm bzonn;

3. Illi jidher li l-konvenut indikat specifikatament fil-paragrafu precedenti, ghalkemm ma jirraffigurax, xorta kien centrali biex wara l-mewt ta' missier il-partijiet, f'eta` relattivament zghira, jzomm lill-familja ta' hutu kollha f'livell decenti t'ghixien u jara li hadt ma kien jonqsu xejn anke fil-fazi odjerna ta' l-iter ezistenzjali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi in esekuzzjoni ta' l-obbligu kurjali taghha l-perit tekniku ipprezentat ir-relazzjoni taghha fl-atti ta' din il-procedura fis-6 t'April tas-sena 2004;

Illi l-istess epsert ikkwantifikat l-ammont dovut in servigi lill-attrici fl-ammont minnha ndikat fl-ahhar paragrafu ta' l-istess relazzjoni taghha;

Illi r-ragunijiet li wassluha ghal din il-konkluzzjoni kienu sintetikament is-segwenti:

i. Illi l-attrici kienet taghmel diversi xogholijiet lil ohtha Silvia fosthom li ssajrilha, tixtrilha, tnaddfilha, kienet ukoll infirmiera ghaliha;

ii. Illi minhabba f'hekk l-attrici kienet tittraskura l-hanut taghha;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-komplessita` tac-cirkostanzi kollha kif jirrizultaw mill-atti odjerni, il-quantum globali li wasslet ghalih l-espert tekniku jidher pjuttost elevat u dan, minghajr ma jirrizulta ampjament gustifikat;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost ghandu jigi sottolineat li azzjoni ghas-servigi, skond il-kunsens unanimu tal-gurisprudenza taghna, hi bbazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimament fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servizz lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas – ammenokke` ma jkunx ghamlu bi skop jew umanitarju jew kif indikat mill-istess konvenuti, "pietatis causa", (ara Angus vs Calleja: Qorti Civili Prim'Awla, 15 ta' Frar, 1958), cioe` minghajr ma jkun irid jigi kkumpensat ghalih;

Illi l-istess decizjoni hawn fuq citata tkompli biex tissottolinea s-segwenti:

*"Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa li min serviha, huma ta' importanza f'kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura anki l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilita`, kemm mill-punt di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti, fil-hsieb tal-qorti, ghandhom importanza";*

Ikkunsidrat:

Illi kif pero` irriteniet il-Qorti ta’ l-Appelli Civili fil-kaz Zammit et vs Dr. Vella noe ta’ l-1 ta’ Dicembru, 1958:

*“…din il-Qorti, fit-12 ta’ Dicembru, 1935, in re “Farrugia vs Caruana”, irriteniet li fil-gurisprudenza anterjuri l-presunzjoni tan-`non-gratuita` giet sostitwita bil-presunzjoni kuntrarja fil-kaz ta’ servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati “familiartatis causa”; imma fil-gurisprudenza aktar recenti, anki ghar-rigward tal-paretni, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti* ***PRESTATI BI SPERANZA TA’ KUMPENS****, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sia pure minhabba relazzjonijiet ta’ parentela, (Vol.XXIX-II-851)”,* Vol XLII-I-625);

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-estensjoni temporali tal-procedura odjerna jinghad li din hi estiza ghall-hames snin lura mid-data tal-mewt ta’ l-imsemmija Silvia Tonna;

Illi dan qed jigi stabbilit fuq l-iskorta tas-sentenza ta’ Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Angus vs Calleja fuq citata, (ara Vol XLII-II.926), u skond il-kazistika hemm riferita;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-fatti u tal-gurisprudenza suesposta jirrizulta lil din il-qorti li effettivament, il-partijiet kollha nvoluti f’din il-procedura jisthoqqilhom xi forma ta’ rikonoxximent monetarju ghas-sagrificcji li ghamlu ma’ ohthom Silvia, ghalkemm, ovvjament fi gradi differenti;

Illi jidher li sakemm kienet ghadha hajja din ohthom Silvia r-relazzonijiet bejn il-kontendenti kienu ghadhom ammikevoli u kien biss wara li din

ghaddiet ghal hajja ahjar li r-rghiba ghamlet taghha;

Illi in vista tal-premess din il-qorti ser tiskarta l-konkluzzjoni li wasslet ghaliha l-espert tekniku minnha nominate u fuq l-iskorta tal-gurisprudenza lokali ser takkolji limitatament t-talbiet tal-partijiet kollha a bazi “arbitrio boni viri” kif tenuta – anke bl-isperanza, li anke f’dan l-ahhar kuntatt li din il-qorti ser ikollha mal-partijiet de quo, tirrifjuta li tigi uzata ta’ sors ta’ dizgwid ulterjuri bejniethom;

Ghaldaqstant filwaqt li takkolji in parte kemm it-talbiet attrici kif ukoll il-kontro-talbiet tal-konvenuti, tirrespingi in parte wkoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talbiet tal-attrici:

1. Tiddikjara li effettivament l-ahwa kollha taw sehemhom biex jiehdu hsieb lil ohthom Silvia, ovvjament, bl-attrici Carmen Cacciattolo taghti sehem ferm akbar minn hutha s-subien il-konvenuti Mario, Lino u Anthony;

2. Tipprefiggi dan fi kwoti ta’ tlett kwarti ghall-attrici u kwart bejn il-konvenuti flimkien bl-eccezzjoni tal-konvenuti Lino Tonna;

3. Tiddikjara li l-ammont komplessiv li ghandu jinghata “arbitrio buoni viri” bhala servigi lill-partijiet kollha nvoluti hu ta’ tmint elef Ewro, (€8,000.00), u li ghaldaqstant l-ammont ta’ sitt elef Ewro (€6,000.00), lill-attrici Carmen Cacciattolo u r-rimanenti elfejn Ewro, (€2,000.00), ghandhom jinqasmu bejn il-konvenuti Mario u Anthony ekwament;

4. Illi biex tissottolinea li meta l-qorti tat diversi opportunitajiet biex il-partijiet involuti jaslu wehedhom ghal xi forma ta’ ftehim ghaqli innotat b’dispjacir l-intransigenza tal-attrici Carmen Cacciattolo li dejjem irrifjutat din l-istedina tal-qorti

> u ghalhekk, nonostante s-suespost, tikkundannaha taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji kollha involuti.**”**

L-aggravji ta’ l-attrici fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza huma sintetikament is-segwenti:-

(1) L-ewwel Qorti ma kienx messha ddecediet konfuzament it-talba u l-kontro-talba. F’kull kaz, naqset ukoll milli tipprovdi ghall-kundanna tal-konvenuti, kompriz Lino Tonna, ghall-hlas tal-kwota taghhom mis-somma likwidata;

(2) L-istess l-ewwel Qorti naqset milli tati raguni ghaliex ma kienetx qed taqbel mal-konkluzjonijiet peritali;

(3) L-ewwel Qorti ma ddecedietx l-ewwel eccezzjoni taghha ghal kontro-talba;

(4) Ma kienet tezisti ebda gustifikazzjoni biex l-ewwel Qorti takkollalha l-ispejjez kollha tal-kawza;

Qabel kull stharrig ta’ dawn l-aggravji din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax b’mod generali illi l-perkors li segwiet din il-kawza – wahda sempliciment ta’ talba ghal-likwidazzjoni ta’ servigi rezi – la jidher li kien prattiku u wisq anqas guridiku. L-atti processwali juru illi wara li l-Qorti semghet certi provi prodotti mill-attrici ghaddiet ghan-nomina tal-perit gudizzjarju Alfred Camenzuli (ara digriet tat-18 ta’ Gunju, 2003), aktar tard sostitwit b’digriet iehor (14 ta’ Ottubru, 2003) minn P.L. Juliana Scerri Ferrante, bil-kompitu li din tiffissa l-kwantum tas-servigi. Gara li wara li l-perit gudizzjarju semghet il-provi u pprezentat ir-relazzjoni taghha (6 ta’ April, 2004), il-Qorti kompliet tisma’ l-provi tal-konvenuti u sija wkoll dawk ta’ l-attrici. Gjaladarba ma nghatat ebda spjegazzjoni ghall-produzzjoni ta’ dawn il-provi fit-termini ta’ l-Artikolu 208, Kapitolu 12, ma jidherx li l-procedura adottata f’dan ir-rigward kienet hekk konformi ghad-dispost ta’ l-Artikolu 679, Kodici tal-Procedura, riferibilment ghall-istadju post

peritali tal-kawza. Li gara wkoll, bil-kontra ta' l-ispirtu u tal-volonta tal-ligi espressa fl-Artikolu 398 tal-istess Kodici, kien li fil-mori tal-kawza, u wara l-prezentata tar-relazzjoni, il-Qorti kkoncediet lill-konvenuti li jipprezentaw kontro-talba ghat-talbiet attrici. Dan permezz ta' digriet ta' l-14 ta' Dicembru, 2004 (ara verbal a fol. 116);

Premess dan, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax ukoll illi s-sentenza appellata tiddifetta sew fil-parti decizorja taghha. Dan, apparti l-kwestjoni tan-nuqqas ta' motivazzjoni sufficjenti li ser tigi deliberata fil-kors ta' l-ezami tat-tieni aggravju. Hu mill-ewwel apparenti illi l-ewwel Qorti ddisponiet flimkien kemm it-talba u l-kontro-talba u mhux in ordni ghad-determinazzjni tal-wahda u ta' l-ohra, kif suppost kellu jkun. Agguntivament, fl-istess parti dispositiva jezisti vizzju ta' omessa pronuncja in relazzjoni ghal parti kundannatorja tas-sentenza, kif skond il-principju ritwali stabbilit fl-Artikolu 219 tal-Kapitolu 12, kellu jkun il-kaz, anke ghal skop tal-kostituzzjoni tal-gudikat. Rettament, biex il-principju seta' jkollu applikazzjoni ried jirrizulta fid-dispositiv tad-decizjoni fil-mertu pronunzjament ta' kundanna. Jekk xejn, f'koerenza ma' l-accertamenti maghmula u, ukoll, biex tkun individwata fil-konkret l-ordni gudizzjali riferibilment ghal dawk l-istess accertamenti. La dan ma sarx fil-kaz prezenti din il-Qorti jkollha tipprovdi dwaru wara li tinvesti l-gravami l-ohra devoluti;

Bi preliminari ghat-tieni aggravju jibda biex jigi osservat illi l-attrici appellanti tissottometti illi ghax-xorta ta' servigi prestati minnha lil ohtha Silvia Tonna l-kumpens likwidat, sija mill-perit legali, u aktar u aktar mill-ewwel Qorti, kien inferjuri ghal dak li, fil-fehma taghha, kien jisthoqqilha. Hi tirpoza dan l-assunt taghha fuq il-bazi tax-xorta tas-servigi minnha rezi u dik ta' l-estensjoni u r-regolarita` taghhom. L-istess appellanti tikkwerela wkoll f'dan l-istess kuntest illi meta l-ewwel Qorti ddipartiet mill-konkluzjoni tal-perit legali ghal dak li hu iffissar tal-kwantum, ghajr ghal kumment generiku illi hi kienet qed tqis dak il-kwantum

bhala "pjuttost elevat", dan ghamlitu minghajr ma pprovdiet motivazzjoni xierqa;

Fuq il-punt devolut b'dan l-aggravju jibda biex jigi rilevat illi in linea ta' principju meta l-ewwel Qorti tuza l-arbitriju taghha *boni viri* fid-determinazzjoni tal-kumpens, "il-Qorti ta' l-Appell skond prattika kostanti ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni jekk mhux meta tkun manifestament zbaljata, jew ghal ragunijiet gravi" ("**George Portelli -vs- Nicola Galea**", Appell Civili, 23 ta' Jannar, 1959). Fil-kaz prezenti, in bazi ghas-sottomissjonijiet lilha maghmula mill-appellanti, il-Qorti trid tirricerka jekk il-provi jwasslux ghad-deduzzjoni illi hi kien jimmeritaha kumpens aktar gholi minn dak likwidat. Fuq kollox, jekk kienx hemm raguni soda u serja biex l-ewwel Qorti timmodifika l-kumpens minn kif likwidat mill-perit gudizzjarju;

Hi gurisprudenza ormaj konsolidata illi "hadd ma hu prezunt li jipresta servigi lil haddiehor anke jekk dan ikun familjari u dan minghajr hsieb li jithallas taghhom". ("**Carmel Delicata *et* -vs- Anthony Saliba *proprio et nomine***", Appell Civili, 22 ta' Mejju, 1989 u "**Mary Grace Attard -vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru, 1989). Dan il-hsieb affermat tal-Qrati taghna jidher li kien imnebbah mill-enuncjazzjoni oltre sekulari illi "*la prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi*" ("**Felicia Felice -vs- Giuseppa Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju, 1875);

Premessa din l-introduzzjoni, qajla jista' jkun dubitat illi l-ahjar prova f'materja ta' servigi hi dik ta' l-attrici nnifisha ghax is-servigi hi pprestathom u, konsegwentement, hu intwittiv li hadd ma jaf ahjar minnha. Il-perit gudizzjarju tidher li wieznet sew il-prestazzjonijiet ampji u varjati li ghamlet l-attrici, kif minn din ahjar dettaljati fix-xhieda taghha a fol. 11 *et sequitur*, u, kollox meqjus, din il-Qorti hi tal-fehma ponderata illi l-ammont ta' kumpens stabbilit mill-istess perit ma kellux mill-ewwel Qorti jigi alterat. Fuq

il-kumpless tal-prestazzjonijiet ezegwiti l-Qorti jidhrilha li l-istima tal-perit gudizzjarju kienet ragjonevoli u tavvicina sew il-misthoqq, u li ma kien hemm xejn x’jissuggerixxi lill-ewwel Qorti biex titbieghed minnha u li taddotta l-likwidazzjoni taghha, anke jekk wahda wkoll *arbitrio boni viri.* Jekk hemm bzonn jigi ripetut, anke fejn jezistu rapporti ta’ parentela jew ta’ affezzjoni kbira, kull servizz moghti jew inkommodu maghmul jattira lejh il-kumpensazzjoni. Kemm din il-kumpensazzjoni ghandha tkun kbira jew zghira jiddependi mill-fattispeci tal-kaz partikulari, u dan, fil-kaz in ispecje, kellha tkun f’mizura tali li adegwatament tissodisfa x-xorta u l-entita` tal-prestazzjonijiet effettivi. Fic-cirkostanzi, il-Qorti sejra ghalhekk tahseb biex tvarja l-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti billi tadotta l-kwantum determinat mill-perit gudizzjarju;

Fil-kaz tat-tielet motiv ta’ aggravju huwa manifestament evidenti illi l-ewwel Qorti injorat kompletament l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attrici ghal kontro-talba. Din l-eccezzjoni tghid illi gjaldarba l-konvenuti stess kienu ddikjaraw bl-eccezzjoni taghhom ghat-talba attrici illi qatt ma kien intiz bejn l-ahwa li l-kura li l-partijiet kollha taw lil ohthom ikun b’xi mod rizarcit ghax kien car li dak li sar kien bi spirtu gratuwitu *pietatis causa,* ma setax imbaghad huma stess javvanzaw pretensjoni ghall-hlas ta’ servigi da parti taghhom;

In tema ta’ dritt gja gie hawnhekk ri-affermat b’abbracc tal-gurisprudenza uniformi illi, “is-servigi ma humiex prezunti li jigu rezi gratuitament” (“**Giorgia Caruana *proprio et nomine* -vs- Marianne Abela**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 14 ta’ Jannar, 1965). Hi pero` wkoll gurisprudenza illi “din il-presunzjoni tibqa’ tregi sakemm ma jirrizultax li s-serventi jkun ghamel l-istess xoghol bla hsieb li jigi kkompensat” (“**Ivy Agius -vs- Joseph Calleja *nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 15 ta’ Frar, 1958 u “**John Axiaq -vs- Domenico Mifsud *et***”, Qorti tal-Kummerc, 9 ta’ Jannar, 1952). Jinzel minn dan illi jekk id-dikjarazzjonijiet maghmula jew il-provi juru illi, meta gew prestati s-servigi,

min irrendihom ma kellux l-intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Ara "**Giuseppina Deidun *et* -vs- Emilia Poggi *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru, 1954;

Affermat il-premess, huwa difficli ghal din il-Qorti illi tammetti l-kontro-talba tal-konvenuti, in kwantu hu ferm dubitat kemm dawn tassew kellhom l-intenzjoni fiz-zmien li jghidu li rrendew servigi lil ohthom li huma jigu ikkompensati. Certament, u fiz-zgur, ma jistax jinghad illi din il-pretensjoni taghhom bil-kontro-talba tista' qatt tkun kompatibbli jew konciljabbli ma' dik ta' l-eccezzjoni dikjarattiva taghhom illi qatt ma kien intiz bejn l-ahwa illi s-somministrazzjoni tas-servigi jkunu rizarciti una volta saru bi spirtu ta' gratuwita. Fil-verita`, minn din l-istess affermazzjoni taghhom b'dik l-eccezzjoni ghat-talba attrici l-ebda argoment ma jidher li hu possibilment plawsibbli ta' korroborazzjoni ghal dik il-pretiza. Ghal kuntrarju, kollox jindika illi l-pretensjoni ta' l-appellati bil-kontro-talba, u fil-mument li giet intavolata, kienet qed titressaq 'il quddiem sempliciment f'tentattiv biex b'xi mod l-effetti tal-kumpens likwidat mill-perit gudizzjarju fil-perizja, gja in atti, jigu newtralizzati, jew xort'ohra ristretti;

Ir-raba' u l-ahhar motiv ta' aggravju ma jidherx li ghandu joffri diffikolta. F'materja ta' spejjez ta' kawza l-kriterju li kellu jiggwida l-Qorti kellu jkun f'relazzjoni mas-sokkombenza ai termini ta' l-Artikolu 223 (1) ta' Kodici ritwali u mhux mal-konsiderazzjoni ta' xi allegata intransigenza ta' l-attrici li ma laqghetx l-invit tal-Qorti ghal possibbli transazzjoni. Din il-konsiderazzjoni ma tistax tikkwalifika ghal xi motiv gust li jgib deroga tal-kriterju l-iehor tas-sokkombenza. Biex jinghad kollox imbaghad jidher li l-kawza giet provokata wara li l-konvenuti baqghu passivi ghas-sejha ta' l-attrici bl-ittra ufficcjali tat-23 ta' Lulju, 2002 (fol. 70) u dik legali tat-22 ta' Marzu, 2002 (fol. 71). Ankorke, imbaghad, l-ewwel Qorti riedet tikkundanna lill-attrici appellanti hi kellha almenu tiffrazzjona dawk l-ispejjez jew taghmel temperament taghhom u mhux taddossahom kollha fuqha ghal dik ir-raguni. Fil-kuntest

processwali, u issa, addizzjonalment in raguni ghal konsiderazzjonijiet f'dan l-appell maghmula, din il-Qorti ma ssib ebda gusitifikazzjoni biex ma ssostnix il-principju tal-kundanna tat-tellief ghall-ispejjez a norma ta' l-artikolu predett.

Ghal dawn il-motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell billi fl-ewwel lok tvarja s-sentenza appellata u tiddikjara illi l-kumpens dovut lill-attrici appellanti ghal servigi minnha rezi lil Silvia Tonna ghandu jkun fl-ammont ta' sebat elef tmien mija wiehed u disghin euro, tnejn u disghin centezmu (€7891.92). Il-konvenuti kollha qed jigu b'din is-sentenza kkundannati jhallsu dan l-ammont lill-istess attrici appellanti. Fit-tieni lok, il-Qorti qeghda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li laqghet il-kontro-talba u pprovdiet ghall-hlas tas-servigi dovut lill-konvenuti appellati. Fit-tielet u l-ahhar lok, il-Qorti qeghda tirrevoka ghal kollox il-parti disposittiva tas-sentenza appellata li kkundannat lill-attrici ghall-ispejjez kollha tal-kawza billi invece tordna li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza u dawk l-ohra ta' l-appell odjern jitbatew interament mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------